**Ikkunsidra** r-relazzjonijiet tossiċi kollha fi ħdan il-familji, bejn il-koppji, bejn l-aħwa. L-imħabba tista' tkun assenti fir-relazzjonijiet intimi u minflok jista' jkun hemm anke abbuż. Ħafna sofrew abbuż sesswali, psikoloġiku u finanzjarju fi ħdan iċ-ċirku tal-familja tagħhom.
**Staqsi**: Stajt jien ikkawżajt din it-tbatija? Stajt jien, għalkemm bla ma naf, kont ipperpetwajt din l-attitudni? Minħabba l-biża' jew l-interess personali, bqajt sieket meta oħrajn iffaċċjaw xi inġustizzja?

**Ikkunsidra** l-mumenti meta' kont irresponsabbli mal-ambjent tal-madwar. Kien hemm drabi meta ma kontx ta' dak li kien qed jiġri madwarek u ma ħadt l-ebda passi biex tipproteġi u tirrestawra l-ambjent.
**Staqsi**: Stajt jien ikkawżajt din it-tbatija? Stajt jien, għalkemm bla ma naf, kont ipperpetwajt din l-attitudni? Minħabba l-biża' jew l-interess personali, bqajt sieket meta oħrajn iffaċċjaw xi inġustizzja?

**Ikkunsidra** l-attitudni negattiva lejn gruppi ta' nies li nqisuhom bħala 'differenti'; ta' etniċità differenti, gruppi differenti fi ħdan il-Knisja, każini tal-baned differenti. Tant iseħħ it-tbandil tat-tajn, tant propaganda malafamanti u xnigħat foloz jinfirxu madwar minħabba nuqqas ta' ħsieb jew, agħar minn hekk, minħabba nuqqas ta' responsabbiltà.
**Staqsi**: Stajt jien ikkawżajt din it-tbatija? Stajt jien, għalkemm bla ma naf, kont ipperpetwajt din l-attitudni? Minħabba l-biża' jew l-interess personali, bqajt sieket meta oħrajn iffaċċjaw xi inġustizzja?

Il-preżenza tal-Mulej tfejjaq u ssalva. Agħżel waħda minn dawn is-siltiet u itlob lill-Mulej biex ifejjaq qalbek. Dawwar ħarsa lejh, iftaħ widnejk għall-kliem ġentili tiegħu, ċedi lilek innifsek, kif int, għat-tgħanniqa mħabba tiegħu u qima fil-preżenza mħabba tiegħu.

**Isma Għażel Staqsi**

**Ngħalaq widnejja?** Mk 7: 31-37
**Għalaqt għajnejja?** Mk 8: 22-26; Mt 20: 29-34; Lq 18: 35-43; Ġw 9: 1-12
**Jien bil-mod biex nieħu azzjoni?** Mt 9: 1-8; 12: 9-13; Mk 2: 1-12, Lq 5: 17-26; Ġw 5: 1-18
**Kliem, azzjonijiet jew indifferenza għamlu ħsara lil ħaddieħor jew ikkontaminaw l-inħawi tiegħi?** Mt 8: 1-4; Mk 1: 40-45, Lq 5: 12-16, 17: 11-19

**Mulej inti tafni u tħobbni**

Il-Mulej jafek aħjar milli taf lilek innifsek.
Ikkonkludi dan il-mument ta' riflessjoni billi tistrieħ fil-preżenza t'Alla billi tikkontempla **Salm 138 (139) 1-14.**

Mulej, int tgħarbilni u tagħrafni;
int taf meta noqgħod u meta nqum,
int tagħraf mill-bogħod ħsibijieti.
Int tagħraf il-mixi u l-waqfien tiegħi;
triqati kollha inti tafhom sewwa.
Inkun għadni anqas lissint il-kelma,
meta int, Mulej, tkun ġa tafha kollha.
Dawramejt inti tħaddanni,
u tqegħedli idek fuqi.
L-għerf tiegħek tal-għaġeb, ma nwassalx għalih;
għoli wisq, u ma nlaħħaqx miegħu.
Fejn immur 'il bogħod mill-ispirtu tiegħek?
Jew fejn nista' naħrab minn quddiem wiċċek?
Jekk nitla' fis-smewwiet, hemm int;
jekk nimtedd f'qiegħ l-art, int hemm ukoll.
Jekk nilbes il-ġwienaħ tas-sebħ,
u mmur ngħammar fi truf il-baħar,
hemm ukoll tilħaqni idek,
u taqbadni l-leminija tiegħek.
Jekk ngħid: "Ħa jaħbini d-dlam,
ħa jkunli d-dawl lejl madwari,"
anqas id-dlam ma hu mudlam;
għalik il-lejl jiddi bħan-nhar;
id-dlam bħad-dawl għalik.
Għax int sawwart il-ġewwieni tiegħi,
u f'ġuf ommi inti nsiġtni.
Irroddlok ħajr, għax b'mod tal-għaġeb għamiltni:
tal-għaġeb huma l-għemejjel tiegħek.
U 'l ruħi inti tafha tajjeb.

**Litanija Ta' Indiema**

A: Ejja nduru lejn Kristu b'fiduċja u nitolbu l-ħniena tiegħu.
B: Int ġejt fid-dinja biex tfittex u ssalva dak li ntilef.
Mulej, ħniena.

Int ġejt biex tagħtina l-ħajja, il-ħajja fil-milja tagħha.
Mulej, ħniena.
Int sirt is-sors tas-salvazzjoni għal dawk kollha li jobduk.
Mulej, ħniena.
Darba għal dejjem inti miet għal dnubietna, l-innoċenti għall-ħati.
Mulej, ħniena.
Fil-ħniena tiegħek ħelisna mill-passat u ħallina nibdew ħajja ġdida ta' qdusija.
Mulej, ħniena.
Agħmilna sinjal ħaj ta' mħabba biex naraw kulħadd: nies rikonċiljati miegħek u ma' xulxin.
Mulej, ħniena.

**Talba tal-Mulej**

Issa, b'ubbidjenza lejn Kristu nnifsu, ejja ningħaqdu fit-talb lill-Missier, nitolbuh jaħfrilna bħalma aħna naħfru lill-oħrajn.
Missierna,...

**Talba ta' Konklużjoni**

Alla li jista' kollox u ta' dejjem, int bgħatt lill-Iben uniġenitu tiegħek biex jirrikonċilja d-dinja miegħek innifsek. Neħħi minn qalbna d-dija oppressiva tad-dnub, sabiex inkunu nistgħu niċċelebraw il-bidu li joqrob tat-twelid ta' Kristu bil-ferħ xieraq. Permezz ta' Kristu Sidna. Amen.



*Iċ-Ċenturjun*

**Introduzzjoni**

Inġbarna hawn illum għax aħna fiduċjużi li Alla hu ħanin. Għandna din il-fiduċja għax, f'kull żmien, Alla wera l-ġustizzja u l-ħniena tiegħu.
Meta l-poplu magħżul tiegħu żbalja, hu bagħat profeti jsejħuhom lura. Bagħat lil Ġwanni l-Battista biex isejjaħ lill-midinbin għall-indiema u biex iħabbar il-miġja tas-Salvatur.
U fl-akbar att ta' mħabba ħanina tiegħu, Alla bagħat lil Ibnu l-waħdieni jgħix fostna, jipprietka l-imħabba tal-Missier, u jeħlisna mid-dnub u l-mewt.
Alla jkompli jsalva lill-poplu tiegħu u Kristu jibqa' preżenti għalina, speċjalment fis-sagramenti tal-Knisja. U f'dan is-sagrament tar-rikonċiljazzjoni, għalkemm ma nistgħux nifhmu r-rikkezza tal-grazzja tiegħu u lanqas il-profondità tal-mogħdrija tiegħu, Alla jibqa' joffrilna l-ħniena tiegħu.

Ħuti,
Alla jsejħilna għall-konverżjoni;
ejjew għalhekk nistaqsuh għall-grazzja tal-indiema sinċiera.
(Mument ta skiet)

Missier il-ħniena u Alla ta' kull konsolazzjoni, Int li ma' ma tridx li l-midneb imut imma jikkonverti u jgħix idħol għall-popli tiegħek, biex iduru minn dnubiethom u jgħixu għalik biss.

Jalla nkun attent għall-kelma tiegħek, nistqarr dnubieti, nirċievi l-maħfra tiegħek, u nkun dejjem grat għall-qalb tajba u Imħabba tiegħek. Għinni ngħix l-verità fl-imħabba,u nikber fil-milja ta' Kristu, Ibnek, li jgħix u jsaltan miegħek għal dejjem ta' dejjem.

**Ċelebrazzjoni tal-Kelma**

Is-suldati ħaduh magħhom ġewwa fil-palazz, jiġifieri l-Pretorju, u sejħu r-riġment kollu. Libbsuh ilbies aħmar skur, u qegħdulu fuq rasu kuruna minsuġa mix-xewk. U bdew isellmulu: "Is-sliem għalik, sultan tal-Lhud!" U qabdu jagħtuh b'qasba fuq rasu, jobżqulu fuqu, u jilwu rkupptejhom quddiemu biex jagħtuh qima. Imbagħad, wara li għaddewh biż-żufjett, neżżgħulu l-ilbies aħmar u xeddewlu ħwejġu. U ħaduh 'il barra biex isallbuh. – Mark 15:16-20

Xħin saret is-sitt siegħa waqgħet dalma kbira fuq il-pajjiż kollu sad-disa' siegħa. Xħin saret is-sitt siegħa waqgħet dalma kbira fuq il-pajjiż kollu sad-disa' siegħa. Xi wħud minn dawk li kienu hemm, kif semgħuh, qalu: "Ara, qiegħed isejjaħ lil Elija!" U mar wieħed jiġri jxappap sponża bl-inbid qares, waħħalha f'tarf ta' qasba u tah jixrob filwaqt li qal: "Stennew, ħa naraw jiġix Elija jniżżlu!" Imma Ġesù għajjat għajta kbira u radd ruħu. U l-purtiera tas-santwarju ċċarrtet fi tnejn minn fuq s'isfel. Iċ-ċenturjun li kien wieqaf biswitu, meta rah jgħajjat u jmut hekk, qal: "Dan il-bniedem kien tassew Bin Alla!" – Mark 15:33-39

**Eżami tal-kuxjenza**

Permezz tal-qima tas-Salib Imqaddes niġu wiċċ imb wiċċ mal-Mulej u s-Salvatur tagħna li hu l-Bxara t-Tajba, l-Imħabba, il-Ħniena u t-Tama tagħna.
Hija opportunità li niġu salvati, hekk kif nitilqu lilna nfusna u noffru lilna nfusna kif aħna; bil-piżijiet u l-ferħ tagħna kollha.
Dan huwa mument — fir-realtà, attitudni — fejn l-attenzjoni tagħna hija biss fuqu, fl-att Tiegħu ta' mħabba infinita, biex qalbna tinqaleb lejH (u għalhekk induru lejh). Jafna aktar milli nafu lilna nfusna u qed jistedinna biex nifħu ruħna għalih bħal ktieb, biex inkunu nistgħu naqraw il-paġni ta' ħajjitna, tal-passat u tal-preżent tagħna, u nimxu 'l quddiem flimkien.
Alla, fil-ħniena tiegħu, iżommilna idejna b'tenerezza materna biex nerġgħu ninġibdu 'l fuq meta naqgħu, u jiddi fuqna raġġ ta' dawl meta d-dlam jaħkimna. Hu dejjem qrib tagħna, imma nistgħu nkunu qed ninjoraw il-preżenza tiegħu għax qalbna tant mimlija tħassib li ninsew li nagħmlu spazju għalih.

L-att meta nqimu x-xbieha ta' Kristu Msallab huwa fejn nitfgħu l-ħarsa tagħna fuqu filwaqt li Hu jwaħħal ħarstu fuqna u b'hekk, hekk kif għajnejna jiltaqgħu, it-taħbit ta' qalbna jkun sinkronizzat ma' Tiegħu u għal darb'oħra, fis-skiet, noħolqu spazju fejn Hu jista' jdawwar il-paġni ta' ħajjitna, il-paġni mnikkta kif ukoll il-paġni ferrieħa.

**Jiena Hawn Mulej**

Hawn jien Mulej. Int il-post ta' mistrieħ tiegħi; fil-preżenza tiegħek il-weġgħat u l-ġrieħi tiegħi jitfejqu.
Taf sew x'qed jiġri f'ħajti; int miegħi fit-tbatija tiegħi u, meta l-ġrieħi jħabbtuli qalbi, hemm int, eżatt ħdejni. Meta nitħawwad taħt it-toqol tal-inkwiet tiegħi, inti qiegħed hemm biex tappoġġani; inti żżommni qrib fit-tgħanniqa tiegħek anke meta kull ma nista' nara huwa dlam jaħkimni, jtaqqalni. Bħal xemx li tibqa tiddi matul il-lejl, int dejjem miegħi, kif wegħdtni.

"Ibqa' u kun af li jien Alla" (Salm 46, 10).

Ħalli l-Kelma ta' Alla tiggwidak matul dan il-mument ta' silenzju.
"Issa l-ħdax-il dixxiplu marru l-Galilija, fuq il-muntanja li lejha kien ordnihom Ġesù. Meta raw lilu, qimuh; imma xi wħud iddubitaw. U Ġesù ġie u qalilhom: "Kull awtorità fis-sema u fuq l-art ġiet mogħtija lili. Mur għalhekk u agħmlu dixxipli mill-ġnus kollha, għammduhom fl-isem tal-Missier u tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu, u għallmuhom jobdu dak kollu li ordnajtilkom jien. U ftakar, jien magħkom dejjem, sal-aħħar taż-żminijiet." (Mt 28: 16-20)

**Huma marru lejn il-muntanji** - il-post favorit fejn Alla jiltaqa 'ma' raġel u mara. Mur fuq il-muntanja bħall-appostli, ħalli lil Alla jiltaqa' miegħek. Ħalli qalbek togħla 'l fuq u ħalliha tiltaqa' mal-qalb stess ta' Alla.

**Huma kienu jqimuh ... imma xi wħud iddubitaw** - hekk kif inti tintelaq fil-preżenza tiegħu, inti wkoll tista tiddubita. Il-passat tiegħek jew il-preżent tiegħek jista' jġiegħlek tiddubita l-imħabba t'Alla, l-eżistenza tiegħu, u jekk, wara kollox, m'aħniex waħedna għal riħna.

Ħalli dan il-mument ta' silenzju jkun spazju fejn Alla jisma' l-għajta li tiġri fik; ħalli l-kwiet iwasslek biex tisma' leħen Alla.

**Jien dejjem miegħek** – hemm paradoss fil-fatt li kif Ġesù jitlaq, hu dejjem magħna. Tħossu qrib tiegħek? Jekk le, tixtieq tħossu qribt?

**Mulej Qed inħallik tfejjaqni?**

Infaħħruk, Mulej, għall-preżenza kontinwa tiegħek f'ħajjitna.
Il-preżenza t'Alla fostna mhux għall-benefiċċju tagħna biss. Alla tagħna huwa Alla personali, Hu mhux Alla individwalista.
Alla mhux qed isejħilna biex niffurmaw klabb żgħir esklussiv miġbur madwaru. Isejħilna lejH biex, wara li nibqgħu miegħu għal xi żmien, inkunu nistgħu noħorġu u nġibuh għand l-oħrajn kull fejn ikunu.
Isejħilna biex nixorbu t-tjubija ta' mħabba Tiegħu biex imbagħad inkunu nistgħu nġorruha u nittrasmettuha lill-oħrajn.
Din l-imħabba hija l-għajn tal-fejqan tagħna; hija s-sors tas-saħħa tagħna li tgħinna nerġgħu nqumu fuq saqajna u nkomplu il-vjaġġ tagħna. Il-mediċina li għandna bżonn tinsab fil-preżenza ta' Ġesù fostna. Il-feriti u l-weġgħat f'ħajjitna dejjem ikunu hemm u jistgħu jsiru bħal blalen u ktajjen li minnhom ma nistgħux neħilsu lilna nfusna. Jistgħu jsajruna mas-salib.

**Punti ta' riflessjoni (mument ta' silenzju)**

**Isma'** lill-Mulej hekk kif jgħidlek:
"Qum u imxi," (Mt 9, 1-8; Mk 2, 1-12; Lq 5, 17-26; Ġw 5, 1-18);
"Talitha, cum ...tfajla, qum!" (Mk 5: 21-43).

**Agħżel** waħda minn dawn is-siltiet u itolbu biex il-Mulej jidħol f'ħajtek u jfejjaqha.

**Staqsi**: X'inhuma l-weġgħat u l-feriti personali tiegħi? X'inhuma l-weġgħat u l-ġrieħi tal-familja tiegħi, ta' dak il-konoxxenza li nixtieq inġib lil Alla?

**Ħalli spazju f'qalbek** li minnu jista' jidħol Alla. X'qed jitlobni nagħmel il-Mulej biex nibda l-proċess tal-fejqan tiegħi u biex il-ktajjen tal-weġgħat u l-ġrieħi tiegħi jinħallux (ftit ftit) u nkun nista' nikseb il-libertà tiegħi (mingħajr ma ninsa)?

**Mulej Aħfirli għax dnibt kontra tiegħek**

Mhux dejjem aċċettajna u ttrasmettijna din l-imħabba. Dan l-att u l-attitudni ta' qima jifħuna għall-weġgħat u l-ġrieħi ta' dawk ta' madwarna u jippermettulna nidentifikaw iż-żminijiet fejn aħna stess konna l-ostakli biex l-imħabba ta' Alla tilħaq lil ħaddieħor.
Il-feriti u l-weġgħat ta' ħaddieħor huma tagħna wkoll; jaffettwawna negattivament u jistgħu jsiru l-feriti tagħna stess.

**Staqsi**: Stajt jien ikkawżajt din it-tbatija? Stajt jien, għalkemm bla ma naf, kont ipperpetwajt din l-attitudni? Minħabba l-biża' jew l-interess personali, bqajt sieket meta oħrajn iffaċċjaw xi inġustizzja?

**Ikkunsidra**: Tant minn ħutna ġew vittimizzati minn dawk li jirrappreżentaw lill-Knisja. L-istrutturi tal-Knisja kkaġunaw ħafna weġgħat; hemm firdiet bejn membri tal-Knisja; ħafna jħossuhom miċħuda mill-Knisja Omm; tant iħossuhom maqtigħin mill-Knisja, li jħossuhom barranin f'darhom stess, minħabba realtà personali jew l-orjentazzjoni sesswali tagħhom.
**Staqsi:** Stajt jien ikkawżajt din it-tbatija? Stajt jien, għalkemm bla ma naf, kont ipperpetwajt din l-attitudni? Minħabba l-biża' jew l-interess personali, bqajt sieket meta oħrajn iffaċċjaw xi inġustizzja?